MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Numru 24/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlie Andrew Cordina**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Cordina (sive Charlie Andrew Cordina), bin Alfred u Mary Jane nee` Pace, data tat-twelid 1.3.1971, u residenti 11A, St Francis Square, Victoria, Ghawdex, ID 160087(M), talli (**1**) fis-16.09.2003 bi ksur ta' l-Artikolu 43(1)(a) ta' l-Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggjar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitlu 409, u fil-granet ta' qabel, mexxa jew opera attivita` turistika -- Cordina Café – f'J.F.Kennedy Square, Victoria (Ghawdex) minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk mill-Awtorita`; u aktar, (**2**) bi ksur ta' l-artikoli [recte: regolamenti] 23(2) u 15(1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' 2002 (Regolamenti ta' 2002 dwat Attivitajiet Turistici (Disposizzonijiet Generali)) mahruga

taht l-Att Dwar Servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitlu 409, fis-16.09.2003 fi 12:15 ta’ wara nofs inhar, pogga mwejjed jew ghamara ohra fuq barra ta’ Cordina Café, J.F.Kennedy Square, Victoria minghajr ma kienet inhargitlu licenzja ghal daqshekk mill-Awtorita`;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Jannar 2006 li permezz taghha dik il-qorti, wara li hadet kont ta’ l-ammissjoni registrata mill-imputat dak in-nahr stess (cioe` 31 ta’ Jannar 2006) iddikjarat lill-imsemmi Charlie Andrew Cordina hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu prezentat fil-15 ta’ Frar 2006 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-ujenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu fis-sens li l-piena inflitta mill-ewwel ewwel qorti ma kienitx fil-parametri tal-ligi peress li l-Artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 jipprovdi ghal piena ta’ multa (mhux ammenda) ta’ mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira. Ghalkemm l-appellant Avukat Generali jiccita wkoll il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, hu evidenti li f’dan il-kaz dan il-paragrafu ma jppalikax ghall-kaz odjern peress li skond l-Artikolu 43(4) tal-Kap. 409 il-proceduri odjerni huma proceduri sommarji li jaqghu taht l-Artkolu 370(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk proprjament l-Avukat Generali jista’ jinvoka biss is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi Artikolu 413.

Issa, ma hemmx dubbju li l-piena skond l-Artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 409, li tahtu l-appellat gie akkuzat in kwantu ghall-ewwel imputazzjoni – imputazzjoni li huwa ammetta ghaliha – hi dik indikata mill-Avukat Generali. Fil-kors tat-trattazzjoni maghmula llum quddiem din il-Qorti, l-abbili

difensur ta' l-appellat, l-Avukata Dott. Georgine Grech, gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghall-A.L. 175 tal-2004 li, donnu, ghall-istess fatt li jaghti lok ghall-ewwel imputazzjoni, fih hemm provvdut piena ta' multa ta' mhux aktar minn elf lira, minghajr minimu. Ir-regolamenti kontenuti f'dan l-avviz legali – Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel – saru mill-Ministru responsabbli taht l-Artikolu 47 tal-Kap. 409. Ghalkemm huwa minnu li skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 47 tali regolamenti, meta maghmula, jistghu jipprovdu ghal piena ta' multa ta' mhux aktar minn elf lira, din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif tali regolamenti, li huma necessarjament ligi sussidjarja, jistghu jidderogaw, fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni espressa f'dan is-sens fil-ligi principali, minn dak li tipprovdi l-ligi principali fir-rigward tal-piena ghal atti li diga' jammontaw ghal reat taht dik l-istess ligi principali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-diversi disposizzjonijiet tal-Artkolu 47 u ma sabet ebda disposizzjoni espressa – u anqas wahda implicita – li tawtorizza tali deroga. Fi kwalunkwe kaz, pero`, anke taht ir-regolamenti invokati mill-appellat il-piena hi dik ta' multa, u mhux ammenda kif komminat mill-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, il-kwalita` tal-piena (u mhux biss il-kwantita`) hija differenti, b'mod ghalhekk li l-Avukat Generali jista' legittimament jappella mis-sentenza *de quo* in virtu` tal-imsemmi Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kap. 9.

Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali ta' l-appellat ezibita mill-prosekuzzjoni llum, mill-liema fedina penali jidher li l-imsemmi appellat ripetutament qieghed jinjora r-regolamenti ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-gestjoni ta' stabbiliment li jipprovdi l-ikel.

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Generali, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imsemmi Charlie Andrew Cordina ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira, u minflok tikkundannah multa ta' sitt mitt lira (Lm600), konvertibbli f'mija w ghoxrin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------